



Dokument ta' sessjoni

B9-0265/2022

29.4.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar l-allokazzjoni u l-użu tal-fondi tan-Next Generation EU

Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Jérôme Rivière

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-allokazzjoni u l-użu tal-fondi tan-Next Generation EU

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-UE adottat id-deċiżjoni mhux feliċi li tistabbilixxi fond ta' finanzjament b'dejn għal trasferimenti lejn ekonomiji tan-Nofsinhar u tal-Lvant ġestiti b'mod kronikament ħażin;
- B. billi l-Ministeru Taljan għall-Kultura adotta digriet biex jalloka riżorsi ħalli tittejjeb l-attrattività tal-għażla ta' bliet storiċi żgħar;
- C. billi l-villaġġ ta' Cesi għandu madwar 200 abitant, seba' knejjes, kafetterija, kindergarten, skola, ristoranti u spiżerija b'ħinijiet tal-ftuħ limitati, iżda l-ebda ħanut tal-merċa, uffiċċju postali jew bank;
- D. billi Cesi se jirċievi EUR 20 miljun minn Next Generation EU (NGEU) u l-istess jackpot se jmur għal 20 villaġġ ieħor li qed ibatu minn depopolazzjoni;
- E. billi l-biċċa l-kbira tal-finanzjament b'dejn se jintuża għar-rinnovazzjonijiet, filwaqt li attivitajiet ta' divertiment bħaċ-ċikliżmu, il-muntanji u l-paragliding se jirċievu wkoll finanzjament;
 1. Jifraħ lil Cesi u rħula Taljani oħra talli rebħu l-jackpot tal-UE;
 2. Jistenna li ċ-ċittadini tal-istati frugali li pprovdew garanziji ta' self għal dawn l-investimenti jintlaqgħu b'xejn fl-attrazzjonijiet turistiċi kollha ffinanzjati mill-NGEU;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq skrutinju bir-reqqa ta' dawn l-investimenti.